MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1615/2010

**Anthony sive Tony Sammut
I.D. 461481-(M)**

**vs**

**Growth Enterprises Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lis-Socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u hamsa u sebghin Ewro (€1,275.00), rapprezentanti r-rimanenti bilanc minn somma akbar dovuta lir-rikorrenti bhala salarju ghal servizzi minnu rezi lis-Socjeta' intimata ghall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2005 sal-31 ta' Dicembru 2006. Illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim illi fuq dan l-ammont jiddekorri imghax bir-rata ta' 8% sad-data tal-effettiv pagament u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-sojeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-Socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, mitejn u hamsa u sebghin Ewro (€1,275.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------